MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 574/2005

**Awtorita Marittima ta' Malta**

**Vs**

**The Yachtsman Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf mitejn u tnax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1,212.17c) rapprezentanti *berthing fees* dovuti mis-socjeta' konvenuta rigward diversi dghajjes kif spjegat fit-talba.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta fl-ewwel lok qalet illi l-istess socjeta' m'hijiex il-legittima kontraditrici stante li

m'hijiex ir-rapprezentanta tad-dghajjes imsemmija fit-talba.

Fit-tieni lok qalet illi hija setghet hallset ghan-nom ta' terzi ma jfissirx li hija assumiet id-djun ta' terzi.

Fit-tielet lok qalet illi hija s-socjeta' attrici li ghandha ggib il-prova ta' kull ammont allegatament dovut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Christopher Schembri li huwa Berthing Master tas-socjeta' attrici. Jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet tirrapprezenta certu jottijiet u s-socjeta' attrici kienet taghti servizzi ta' *berthing* lil dawn il-jottijiet.

Jikkonferma wkoll illi skond dikjarazzjoni mis-socjeta' konvenuta huma responsabbli ghall-*berthing fees* in konnessjoni ma' Finally u Aquarius of Darenth.

Christopher Schembri kkonferma li M & M kienet rapprezentata mis-socjeta' konvenuta. Dan japplika wkoll ghal Faire of Kinsale. Rigward Marika, x-xhud qal li l-ircevuta kienet tohrog f'isem id-ditta konvenuta.

Schembri qal li s-socjeta' konvenuta qatt ma qalet li ma kienetx tirrapprezenta izjed dawn id-dghajjes.
Gew esebiti diversi *invoices* mahruga fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kif ukoll diversi rcevuti.

A fol 38 tal-process hemm dikjarazzjoni mis-socjeta' konvenuta fejn din tikkonferma li:

"Berthing fees for M/Y Finally will be paid by us on their behalf."

Dan id-dokument huwa datat 2 t'April, 2001.

A fol 39 tal-process hemm dikjarazzjoni li l-*berthing fees* ghal Aquarius of Darenth sat-30 t'April, 2003 ser jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

A fol 40 tal-process hemm dikjarazzjoni li s-socjeta' konvenuta ser thallas il-*berthing fees* in konnessjoni ma' MY Finally sal-21 t'Ottubru, 2002.

Ra x-xhieda ta' Edgar Warrington ghas-socjeta' konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet irceviet id-dokument A. Is-socjeta' konvenuta kienet tiehu hsieb il-bastimenti msemmija f'dan l-i*statement*. Edgar Warrington ikkonferma l-firma tieghu a fol 38, 39 u 40 tal-process. Edgar Warrington ikkonferma wkoll li ghar-rigward Darenth u Faire of Kinsale s-sid kien halla d-dghajsa f'idejhom biex jiehdu hsiebha. Is-socjeta' konvenuta kienet thallas ammont ta' flus in konnessjoni ma' Faire of Kinsale lill-Awtorita'. Warrington spjega li certi sidien jiddeciedu li ma jkomplux mas-socjeta' konvenuta izda hu ma jistax jiftakar dati meta waqfu bhala rapprezentanti.
Fil-kontro-ezami Warrington qal li s-socjeta' konvenuta kienet tircievi *statements* dwar dawn id-dghajjes izda xi drabi kienu jhallsu s-sidien tad-dghajjes u xi drabi kienu jhallsu huma.

**Ikkunsidra**

Illi l-Awtorita' qieghda titlob:

- Mitejn u sbatax-il lira Maltin (Lm217) in konnessjoni ma' Faire of Kinsale.

- Mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm275.43c) in konnessjoni ma' M & M.

- Hamsin lira Maltin (Lm50) in konnessjoni ma' Finally, servizz sat-22 t'Ottubru, 2002.

- Tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm83.95c) in konnessjoni ma' Marika, servizz sat-23 t'Awissu, 2002, u

- Hames mija w erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm584.66c) in konnessjoni ma' Aquarius of Darenth.

Fl-ewwel eccezzjoni s-socjeta' konvenuta tghid li m'hijiex il-legittima kontraditrici stante li m'hijiex ir-rapprezentanta tad-dghajjes imsemmija.

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta certament kienet tirrapprezenta lil MY Finally u lil Aquarius of Darenth sat-30 t'April, 2003. Illi l-*invoice* a fol 26 tal-process tirreferi ghal Aquarius of Darenth sat-30 t'April, 2003. Illi meta s-socjeta' konvenuta kitbet f'April 2001 li "berthing fees for M/Y Finally will be paid by us on their behalf" ma tistax tghid li m'hijiex il-legittima kontraditrici almenu in konnessjoni ma' M/Y Finally.

Mix-xhieda ta' Edgar Warrington jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet tiehu hsieb dawn id-dghajjes ghal xi zmien izda imbaghad f'certi kazi kien jitlaq is-sid jew kien imur ghand haddiehor. Is-socjeta' konvenuta f'dawn il-kazi ma gabitx prova li kienet tinforma lill-Awtorita' li ma kienetx ghadha qed tirrapprezenta lil dawn is-sidien. It-Tribunal jinnota li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni bil-miktub ta' l-invoices u *statements* u lanqas kontestazzjoni in konnessjoni ma' l-ittra bonarja mibghuta lis-socjeta' konvenuta.

Fit-tieni eccezzjoni s-socjeta' konvenuta tghid li jekk kienet hallset fil-passat ma jfissirx li assumiet id-dejn ta' terzi. Illi dan it-Tribunal jaqbel li l-fatt li kien hemm hlas f'xi kazi ma jfissirx li hemm obbligu ghas-socjeta' konvenuta li tkompli thallas.

Illi fit-tielet eccezzjoni s-socjeta' konvenuta tghid li jrid jingieb il-prova li l-ammont huwa dovut. Illi mix-xhieda ta' Christopher Schembri jirrizulta li l-ammont huwa dovut.

Illi s-socjeta' konvenuta teccepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini ta' l-**Artikolu 2148(f)** li jipprovdi:

“Actions of any person for the hire of movable things…are time barred by the lapse of eighteen months.”

Illi fil-kawza **Gatt et Vs Awtorita’ Marittima - Citazzjoni numru 125/2002TM deciza fis-7 ta’ Lulju, 2004** gie ddikjarat u deciz li l-kuntratt ghall-*berthing* huwa kuntratt *sui generis* u mhux kuntratt ta’ kera. Illi dan it-Tribunal jaqbel mar-ragunament tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’din il-kawza u ghalhekk jichad ukoll din l-eccezzjoni.

Illi fl-istess kawza gie ddikjarat:

“L-unika rabta kuntrattwali li hemm bejn il-partijiet tkopri z-zmien li ghalih is-sidien ihallsu u l-Awtorita’ taccetta l-hlas tat-tariffa relattiva, skadut dak it-terminu, z-zewg partijiet huma liberi li jirrinovaw jew jikkuntrattaw mill-gdid a scelta ta’ kull wahda mill-partijiet.”

Ghalhekk l-ammont ta’ hames mija w erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm584.66c) in konnessjoni ma’ Aquarius of Darenth huwa dovut billi dan huwa kkonfermat mis-socjeta’ konvenuta (ara fol 39 tal-process) u hamsin lira Maltin (Lm50) in konnessjoni ma’ Finally – servizz sat-22 t’Ottubru, 2002 huwa dovut kif ikkonfermat mid-dokumenti a fol 38 u 40 tal-process.

Ghar-rigward il-kontijiet is-socjeta’ konvenuta kienet taf li kienet tirrapprezenta lil dawn id-dghajjes u l-Awtorita’ kienet qed thalli d-dghajjes fil-*berth* izda m’hemmx provi li ghall-*berthing* ghall-perjodi relattivi s-socjeta’ konvenuta kienet accettat li hija responsabbli. Jekk l-Awtorita’ Marittima ma kellhiex ftehim dwar *berthing* mas-socjeta’ konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li thalli d-dghajsa hemm u ma tistax titlob hlas a bazi biss tal-fatt li s-socjeta’ konvenuta kienet hallset qabel. Illi huwa minnu li s-socjeta’ konvenuta naqset li tikkontesta l-*invoices* u naqset li tinforma l-Awtorita’ Marittima li ma kienetx qieghda iktar tirrapprezenta lil dawn id-dghajjes izda dan ma jezentax lill-Awtorita’ tivverifika li ghandha ftehim vigenti ghall-perjodu relattiv.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici fl-ammont ta' hames mija w erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm584.66c) u hamsin lira Maltin (Lm50) u cjoe' sitt mija w erbgha u tletin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm634.66c). Bl-ispejjez in kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghas-socjeta' konvenuta u terz (1/3) ghall-Awtorita' Marittima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------